# NOFS-IL-LEJL SAJFI

(minn fuq bejt fir-raħal)

Ħiemed il-qamar jiddi
fuq id-djar ħiemda: taħt id-dija bajda
jaqta' l-iswed tat-twieqi
miftuħa beraħ, jew imbexxqa. Tisma'
fil-bogħ'd fil-bogħ'd jinbaħ xi kelb għassiesi,
u fi ġnejna biswitek
tisma' jħaxwex u jiġri
xi ġurdien illi tgħallem minn ġrajjietu
li d-dlam ħabibu. Bla ma tagħraf sewwa
jekk minn hawn jew minn hinn, tasal imqassma
it-twerżiqa ta' grillu
illi twennes u traqqad: fuq ir-raħal
tmewweġ u tidwi, kwarta wara kwarta,
ta' l-arloġġ it-twissija. Ikħal bajdani
donnu liżar irqiq jinfirex niedi
l-ajru fuq kollox.

**Dun Karm.**

Ħaż-Żebbuġ, 23—7—26.